MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**NATASHA GALEA SCIBERRAS**

Seduta ta' l-20 ta' Mejju, 2013

Numru. 234/2012

**Il-Pulizija**
**(Spettur Frankie Sammut)**

**vs**

**Adrian Grech**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat Adrian Grech, ta’ 29 sena, iben Nazzareno u Maria Louise nee’ Bonello, imwieled Pieta, nhar l-4 ta’ Novembru 1982 u residenti gewwa Nru. 100, ‘Villa Orchidea’, Triq il-Missjoni Taljana, Kalkara u detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 601582M

Akkuzat talli waqt li kien fl-inhawi tal-Kalkara, nhar l-1 ta’ Marzu 2009 u jew fix-xhur ta’ qabel din id-data, gewwa dawn il-Gzejjer u fi bnadi differenti u f’hinijiet differenti:

1. Kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta Cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza u dan bi ksur tal-Artikolu 8(a) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta’ Malta.

2. Talli sar recidiv ai termini ta’ l-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta wara li nstab hati b’sentenza datata 15 ta’ Jannar 2007 moghtija mill-Qrati ta’ Malta, liema sentenza saret definittiva w ma tistax tigi mibdula.

Rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-ordni ta’ l-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu (2) ta’ l-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101), sabiex din il-kawza tinstema’ minn din il-Qorti bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fi stadju bikri ta’ dawn il-proceduri, liema ammissjoni giet ikkonfermata mill-istess imputat wara li l-Qorti a tenur tal-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, avzatu bil-konsegwenzi legali ta’ dik l-ammissjoni u kkoncedietlu zmien bizzejjed biex jerga’ jikkonsidra t-twegiba u jerga’ lura minnha;

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat:

Illi in vista tal-ammisjoni maghmula mill-imputat, il-Qorti ma tistax hlief issib lill-istess imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu.

Illi dwar il-piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija tal-imputat, il-fedina penali aggornata tieghu u l-fatt li huwa recidiv.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 8(a), 22(1)(a) u 22(2)(b)(ii) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, r-Regolament 9 tal-Legizlazzjoni Sussidjarja 101.02 u l-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu, u tikkundannah ghall-piena ta’ multa ta’ hames mitt Euro (€500) li b’applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta tista’ tithallas b’rati mensili u konsekuttivi ta’ €50, bl-ewwel pagament isir mhux iktar tard minn xahar mid-data ta’ din is-sentenza. Pero’ jekk il-hati jonqos li jhallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta’ gurnata habs ghal kull €35 jew parti minnhom dovuti.

Finalment il-Qorti tordna d-distruzzjoni tad-droga, Dokument FS1, hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat, u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi *proces-verbal* li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta’ din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------